# L-Ewwel Presidenti tas-Soċjetà Lourdes

Is-Sinjorina Claudette Casha B.Ed. (Hons.)



## Is-Sur Anton Fenech (1895-1907)



## Is-Sur Nikol Magri (1908-1912)

Fost il-presidenti li għamlu unur lis-Soċjetà Filarmonika Lourdes tal-Qrendi, insibu lis-Sur Nikol Magri, it-tieni president. Hu dam jokkupa din il-kariga għal erba' snin mill-1908 sa l-1912. Nistgħu ngħidu li s-Sur Magri kien wieħed mill-pijunieri fit-twaqqif tas-Soċjetà tagħna ġewwa r-raħal fl-1895. Fil-fatt meta twaqqaf l-ewwel Kumitat tal-Każin Lourdes, li kellu l-ewwel sede tiegħu fil-Palazz tan-Nobbli Spiteri Agius, fi Triq il-Kbira, is-Sur Nikol Magri kien viċi-president. Huwa dam jokkupa din il-kariga għal tlettax-il sena.

Nikol kien miżżewweġ lil Maria Konċetta née Muscat. Huma kellhom żewġt itfal – Ġużeppi u Maria Lourdes.

Nikol jibqa' msemmi għall-kapaċitajiet tiegħu f'diversi oqsma. Fosthom għalliem fl-iskola l-qadima tal-Qrendi, ġuljanista, pezatur u arluġġar. Però l-iżjed li se jibqa' mfakkar hu għall-imħabba li kellu għall-mużika u d-dħul tad-dawl bl-aċitalena fil-Qrendi, fil-jiem tal-festi.

Fil-fatt, Nikol huwa l-fundatur ta' l-ewwel orkestra fir-raħal tal-Qrendi, l-Orkestra Bellini. Din l-orkestra kisbet popolarità kbira fil-Qrendi bil-parteċipazzjoni tagħha kemm fil-festi ta' barra kif ukoll fil-funzjonijiet tal-knisja, fosthom fil-festa tal-Madonna tal-Ħniena, fil-festa ta' San Mattew, fil-festa tal-Madonna ta' Lourdes u anke fil-festa tal-Ġimgħa l-Kbira. Is-Sur Andrew Magro, wieħed mill-mużiċisti ta' l-orkestra, isemmi l-kapaċità u l-paċenzja kbira li kellu Nikol Magri, kemm bħala direttur ta' l-orkestra u anke bħala għalliem tal-mużika.

Il-president Nikol Magri jibqa' magħruf ukoll għad-dawl ta' l-aċitalena li ġie introdott għall-ewwel darba biex ġiet imdawla l-faċċata tal-każin il-kbir, fi Triq il-Kbira. Fil-jiem tal-festa tal-Madonna ta' Lourdes kienu jsiru arkati kbar u linef fi Triq il-Parroċċa kollha mixgħulin bid-dawl ta' l-aċitalena.

Nikol kien ukoll prokuratur tal-Fratellanza ta' Lourdes u anke tal-Madonna tar-Rużarju. Hawnhekk ta' min isemmi inċident dwar l-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju Nikol kien talab permess lill-Kappillan Dun Alfons Tabone biex issir din l-istatwa. Minkejja li l-permess ġie milqugħ, meta tlestiet l-istatwa tal-Madonna, il-permess ġie rtirat u din qatt ma daħlet ġewwa l-knisja. Nikol Magri baqa' jżomm din l-istatwa bl-ikbar għożża ġewwa d-dar tiegħu, fi Pjazza Santa Marija. Illum il-ġurnata, din l-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju hija proprjetà tas-Soċjetà Lourdes.



## L-Onor. Dr. Francesco Buhagiar LL.D. (1913-1922)

Fost il-presidenti tas-Soċjetà Filarmonika Lourdes, insibu lill-Onorevoli Dr. Francesco Buhagiar LL.D., it-tielet president li dam mill-1913 sa l-1922.

Francesco Buhagiar twieled u tgħammed il-Qrendi fis-sena 1877. Familtu għamlet żmien toqgħod f'dar kbira fi Triq il-Kbira. Wara, il-familja Buhagiar marret toqgħod Birkirkara, u fiż-żmien ta' Sette Guigno kienet tgħix il-Belt Valletta. Għalkemm marru joqogħdu l-belt, xorta baqa' miġbud lejn il-kampanja. Fil-fatt ta' spiss kien imur jistad bil-frejgatina tiegħu f'San Pawl il-Baħar.

Francesco Buhagiar kien iżżewweġ għand familja kbira mill-Belt. Wieħed minn uliedu, Dr. William Buhagiar kien professur fil-Liġi Kostituzzjonali fl-Università ta' Malta.

L-Avukat Buhagiar kien ikkontesta l-ewwel Leġislatura fi ħdan il-Partit Nazzjonalista Panzarekkjan (U.P.M.). Dr. Buhagiar sar Ministru tal-Ġustizzja u f'Ottubru ta' l-1923 laħaq Prim Ministru ta' Malta. Kien jieħu din il-kariga bl-akbar serjetà u kien iqatta' sigħat twal jaħdem fil-palazz. Baqa' jokkupa din il-kariga sa l-1925 meta rriżenja, warrab mill-ħajja politika u wara sar imħallef.

Dr. Francesco Buhagiar ħalliena fis-sena 1934, fl-età ta' 57 sena. Ta' min isemmi li fis-sala tal-każin, wieħed isib ritratt tiegħu ffirmat minnu stess bid-data tad-9 ta' Diċembru 1921.



## In-Nutar Salvu Borg Olivier (1923-1930)



## P.L. Alfred Zammit McKeon (1931-1936)

Fil-bidu tas-snin tletin, il-membri tas-Soċjetà Lourdes ħasbu li jaħtru lill-Prokuratur Legali Alfred Zammit McKeon bħala l-ħames president minflok in-Nutar Salvu Borg Olivier, li talab li ma jerġax jikkontesta għal din il-kariga minħabba l-età.

Il-P.L. Alfred Zammit McKeon kien bniedem prominenti ħafna u magħruf sew fix-xena Maltija. Ta' spiss kien jiġi fir-ritratt tal-Qrendi kemm fuq xogħol legali kif ukoll minħabba politika.

Meta s-soċi urewh xewqithom li jlaħħquh president, hu laqa' bi ħġaru din il-kariga. Hu dam president għal sitt snin mill-1931 sa l-1936.

Alfred Zammit McKeon twieled f'Ħaż-Żebbuġ fis-sena 1879. Wara li kompla l-istudji tiegħu fl-Università ta' Malta u ggradwa prokuratur legali fl-1903, iżżewweġ lil Maria Loreta née Borg. Huma kellhom erbat itfal – Joseph, Hugo, Nellie u Mary.

Bħala persuna legali, Alfred Zammit McKeon kien imfittex ħafna, speċjalment mill-kostitwenti ta' Ħaż-Żebbuġ, Rabat, Siġġiewi u Qrendi. Huwa magħruf li kien bniedem ċajtier, onest u ta' karità kbira.

Il-President Zammit McKeon ħalla dan il-wied tad-dmugħ fl-età ta' 64 sena, fl-eqqel tal-gwerra fil-31 ta' Marzu 1943.



## Is-Sur Mikiel Cassar (1937-1941)

Il-Kuntrattur, is-Sur Mikiel Cassar huwa s-sitt president tas-Soċjetà Filarmonika Lourdes. Hu dam f'din il-kariga għal ħames snin, mill-1937 sa l-1941.

Is-Sur Mikiel Cassar, iben Salvatore u Katrina née Ellul, twieled il-Qrendi fl-1874. Din kienet l-epika ta' meta bdiet id-devozzjoni lejn il-Madonna ta' Lourdes u l-ewwel każin soċjali li nfetaħ bl-isem Każin Lourdes fl-1895.

Nistgħu ngħidu li Mikiel Cassar kien wieħed mill-pijunieri li rsista u ħadem bla heda sabiex jitwaqqaf dan il-każin ġdid, flimkien ma' l-ewwel President is-Sur Anton Fenech u s-Sinjuri Nikol Magri, Giuseppe Cassar, Giuseppe Psaila u Angelo Vella.

Minħabba l-kapaċità kbira li wera fil-qasam tal-bini u anke għall-fatt li kien iben ta' familja sinjura, is-Sur Mikiel Cassar kien wieħed mill-kuntratturi ewlenin ta' Malta, li kien jieħu ħafna xogħol bl-offerti mingħand l-Ammiral Ingliż. Fost l-opri li wettaq insibu l-arloġġ maestuż li hemm id-*Dockyard*, il-kampnari konventwali ta' San Pawl fir-Rabat, Malta u tal-knisja ta' Santu Wistin il-Belt Valletta.

Fl-1913, is-Sur Cassar iddeċieda li jmur l-Awstralja fejn issetilja f'New South Wales. Hawnhekk insibu lis-Sur Cassar bħala mgħallem f'minjiera tal-metall. Fl-1922, iżżewweġ lil Ursula née Mifsud u kellhom l-unika tifla, Catherine. Wara sittax-il sena fl-Awstralja, il-familja Cassar irritornat lejn Malta u marret toqgħod fi Triq il-Kbira, il-Qrendi. Lura Malta, is-Sur Cassar reġa' beda jieħu x-xogħol bl-offerti mill-Ammiral Ingliż fejn kellu diversi bini taħt ir-responsabbiltà tiegħu.

Fil-Qrendi wkoll wettaq xogħol ta' valur bħaz-zuntier u l-irranġar tal-kampnar tal-knisja parrokkjali. Il-kampnar kien ikkundannat minħabba l-periklu li kellu speċjalment bit-toqol tal-qniepen. Kapaċità kbira f'din il-biċċa xogħol kienet li t-tiswija u x-xogħol sar mingħajr ma l-qniepen tniżżlu isfel.

Ta' min isemmi wkoll li s-Sur Mikiel Cassar kien jokkupa l-kariga ta' president tal-każin tal-lokal ta' Lord Strickland.

Minkejja kollox l-entużjażmu u l-ħeġġa għas-Soċjetà Lourdes ma naqsux. Is-Sur Cassar baqa' xorta waħda attiv u jiffrekwenta l-każin. Fil-fatt fl-1937 laħaq president tas-Soċjetà. Is-Sur Cassar kien devot kbir tal-Madonna ta' Lourdes u kien iħobb ħafna l-mużika tant li kien idoqq il-mandolina.

Is-Sur Mikiel Cassar irtira mix-xogħol fi żmien il-gwerra. Hu miet fl-età ta' 75 sena fis-sena 1949.

**Nota:**
Dwar is-Sur Anton Fenech (l-ewwel president) u n-Nutar Salvu Borg Olivier (ir-raba' president) m'għandi l-ebda informazzjoni.